**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 31 ta' Mejju, 2017**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 37/2014**

**Liquigas Malta Limited**

**vs**

**Anthony Debono u Bernard Debono u Easygas Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Jannar, 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija attrici topera fil-qasam tal-bejgh ta' gass LPG (liquid petroleum gas) f'Malta u tbiegh u tqassam l-istess gass permezz ta' cilindri li huma proprjeta taghha u li ghandhom l-isem, marki u/jew sinjali distintivi taghha jew li ghandha dritt esklussiv li tuza;

2. Illi numru minn dawn ic-cilindri ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi (senjatament il-kulur ahdar) tal-kumpanija attrici mentri ohrajn ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi (senjatament il-kuluri isfar u kannella) tal-Korporazzjoni Enemalta li l-kumpanija attrici ghandha d-dritt esklussiv li tuza skond ftehim datat it-28 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu il-kumpanija attrici Liquigas Malta Limited akkwistat minghand il-Korporazzjoni Enemalta n-negozju tal-bejgh tal-gass LPG, inkluz ic-cilindri;

3. Illi l-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited hija wkoll operatur f'Malta fil-qasam tal-bejgh tal-gass LPG u tbiegh u tqassam l-istess gass permezz ta' cilindri proprjeta, taghha li ghandhom l-isem u/jew markji uljew sinjali distintivi (senjatament il-kulur griz) taghha;

4. Illi l-konvenut Anthony Debono huwa distributur tal-gass LPG u jbiegh il-gass lill-pubbliku in generali permezz ta' tqassim ta' cilindri sew tal-kumpanija attrici kif ukoll tal-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited; illi l-konvenut Bernard Debono gie mqabbad u/jew impjegat minnu sabiex jassistih; illi l-konvenuti Debono, bhala distributuri tac-cilindri tal-gass proprjeta tal-kumpanija attrici, huma responsabbli li jigbru c-cilindri mimlija mill-impjant taI-kumpanija attrici u jirritornaw ic-cilindri vojta fl-istess lok;

5. Illi ai termini tal-artikolu 5A subinciz (2) tal-Avviz Legali 465/2011 li emenda r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008) kemm iI-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited, kif ukoll id-distributuri u kwalunkwe persuni ohra huma pprojbiti milli jimlew bil-gass ic-cilindri proprjeta ta' haddiehor. Infatti l-istess subinciz jghid li c-cilindri
“... ma jistghu jintuzaw jew jitqandlu assolutament b'ebda mod, hlief ghall-fini li jitreggghu Iura lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorita biex jimporta u, jew ibiegh bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dawk ic-cilindri li jistghu jingarru";

6. Illi l-kumpanija attrici saret taf u ghandha filmati Ii juru, li l-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited u l-konvenuti Debono jew min minnhom, jew persuni ohra inkarigati minnhom, illegalment u abbuzivament kienu qed jimlew bil-gass cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjaIi distintivi tal-kumpanija attrici jew Ii ghandha dritt esklussiv taghhom: illi, inoltre l-istess cilindri kienu qed jigu ssigillati permezz ta' sigilli foloz Ii ghandhom l-isem u/jew il-kulur ahdar distintiv tal-kumpanija attrici;

7. Illi, inoltre, dan l-agir illegali u abuziv kien qed isir f’proprjeta fil-pussess u kontroll tal-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited u minn fejn hi tiggestixxi n-negozju taghha gewwa Hal-Luqa; illi l-istess Easygas Malta Limited u l-proprjeta in kwistjoni lanqas ma huma licenzjati ghal mili tal-gass fic-cilindri;

8. Illi dan l-agir da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta', mhux biss dik materjali relattiva ghac-cilindri nnifishom izda wkoll dik intellettwali li l-kumpanija attrici tgawdi permezz ta l-isem, marki u/jew sinjali distintivi, mati minnha skont il-ligi, tal-prodott u s-servizz taghha;

9. Illi, inoltre, il-pubbIiku qed jigi ngannat billi seta' xtara, u/jew qed jixtri gass bl-impressjoni zbaljata illi dan huwa gass tal-kumpanija attrici Ii huwa mimIi taht il-kontroll tal-kumpanija attrici, mentri fil-fatt kienu qieghdin jimtlew gewwa impjant Ii mhuwiex debitament licenzjat, u mhux permezz ta' apparat u bil-kawteIi necessarji fl-industrija; illi apparti li dan huwa ta' periklu car ghall-konsumatur u ghall-pubbliku in generali, qieghed jaghmel hsara Iir-reputazzjoni tal-kumpanija attrici; illi I-gass tal-kumpanija attrici jigi mimIi fic-cilindri taghha f’impjant modern Ii ghandu I-apparat u bil-kawteIi kollha necessarji biex jigi garantit iI-mili kif suppost tal-istess cilindri;

10. Illi dan l-agir da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, jammonta ghal konkorrenza zleali ghad-dannu tal-kumpanija attrici skond iI-provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) partikolarment I-artikoli 32, 32B u 33 tal-istess Kodici;

11. Illi inoltre l-istess agir jikkostiwixxi dolus u ksur tal-obbligi imposti fuq il-konvenuti mil-ligi ai termini tal-artikolu 5A subinciz (2) tal-Avviz Legali 465/2011 li emenda r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008);

12. Illi, bhala rizultat ta' dan l-agir il-kumpanija attrici sofriet u ghadha qed issofri danni;

13. Illi l-kumpanija attrici ipprezentat ittra ufficjali fis-26 ta' Novembru 2013 kontra l-konvenuti Anthony u Bernard Debono (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'A') illi permezz taghha, inter alia, interpellathom sabiex minnufih jiddesistu milli jkomplu jimlew ic-cilindri tal-gass proprjeta taghha u jirritornaw ic-cilindri u l-gageg proprjeta taghha li kienu fil-pussess taghhom sa dakinhar;

14. Illi l-kumpanija attrici ipprezentat ukoll protest gudizzjarju fit-18 ta' Dicembru 2013 kontra l-konvenuti kollha (kopja annessa bhala Dok. 'B'), li permezz tieghu regghet formalment interpellathom, jew min minnhom, sabiex iwaqqfu l-mili illegali u abbuziv tac-cilindri tal-gass bl-isem u/jew marki u/jew sinjali distintivi taghha u l-issigillar tal-istess cilindri permezz ta' sigilli foloz, u sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni sofferti, u zammithom, jew min minnhorn, responsabbli ghad-danni kollha li ghad tista issofri, u qieghdithom f'dolo, mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

15. Illi nonostante l-imsemmija ittra ufficjali u protest gudizzjarju, il-konvenuti baqghu ma resqux ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob umilment li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara lill-konvenuta Easygas Malta Limited u l-konvenuti Debono, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-kumpanija attrici minhabba dolus u minhabba ksur tal-obbligi imposti fuqhom mil-ligi ai termini tal-artikolu 5A subinciz (2) tal-Avviz Legali 465/2011 li emenda r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008);

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi li l-uzu illegali u abuziv tal-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija attrici jew li ghandha dritt esklussiv taghhom li jinsabu fuq ic-cilindri tal-gass da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, jew minn persuni nkarigati minnhom u l-uzu ta' sigilli foloz li ghandhom l-isem u/jew il-kulur ahdar distintiv tal-kumpanija attrici jikkostitwixxi konkorrenza zleali fil-konfront tal-kumpanija attrici u dan bi ksur tal-artikoli 32 sa 36 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), partikolarment l-artikoli 32, 32B u 33 tal-istess Kodici;

(iii) Tistabbilixxi penali ai termini tal-artikolu 37(3) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghandha tithallas lill-kumpanija attrici minhabba ksur tal-artikoli 32 sa 36 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), partikolarment l-artikoli 32, 32B u 33 tal-istess Kodici;

(iv) Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-kumpanija attrici l-penali hekk stabbilita minhabba ksur tal-artikoli 32 sa 36 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), partikolarment l-artikoli 32, 32B u 33 tal-istess Kodici;

(v) Tordna illi l-konvenuti, jew min minnhom, jiddezistu milli jkomplu jwettqu kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-kumpanija attrici partikolarment illi jimlew bil-gass cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija attrici jew li ghandha dritt esklussiv taghhom u juzaw sigilli foloz li ghandhom l-isem u/jew il-kulur ahdar distintiv tal-kumpanija attrici;

(vi) Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru 2013 u tal-protest gudizzjarju datat 18 ta' Dicembru 2013 bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni jew ghal-liwidazzjoni u hlas ta' danni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Debono li tghid hekk:

1. IIIi fil-konfront tal-esponenti t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ghandu jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu respinti fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

2. IIIi I-esponenti jichdu kategorikament dak allegat rnis-socjeta rikorrenti fil-paragrafu 6 tar-rikors guramentat taghha.

3. Illi I-esponenti jichdu kategorikament illi huma b'xi mod ikkonkorrew mas-socjeta attrici b'mod zleali u ghad-dannu taghha kif allegat f'paragrafu 10 tal-istess rikors.

4. IIIi lanqas ma huwa minnu illi I-esponenti kkawzaw xi danni lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti Mifsud ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Easygas Malta Limited li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija irritwali stante illi s-socjeta rikorrenti ma tistax tippromwovi azzjoni ghad-danni u l-imghaxijiet u fl-istess hin titlob il-hlas ta' penali, u dan ghaliex ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn huma zewg azzjonijiet distinti u separati li ma jistghux isiru flimkien:
"Il-kummercjant li jikser xi wahda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sas-36, inkluzivament, hu suggett gnall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali";

2. Illi in linea preliminari wkoll, minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma inkompatibbli u ghalhekk huma insostenibbli flimkien, u dan ghaliex ai termini tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setghetx titlob il-hlas tad-danni flimkien ma' talba ghall-hlas ta' penali;

3. Illi fil-mertu, is-socjeta esponenti tichad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom, liema pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-ewwelnett is-socjeta rikorrenti trid tispecifika, tispjega u tipprova l-fatti li hi qieghda tallega. B'mod partikolari r-rikorrenti ghandha taghti prova tal-allegazzjonijiet taghha f'paragrafu sitta (6) tar-rikors promutur, illi "l-kumpanija konvenuta Easygas Malta Limited u l-konvenuti Debono jew min minnhom, jew persuni ohra inkarigati minnhom, illegalment jew abuzivament kienu qed jimlew bil-gass cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija attrici jew li ghandha dritt esklussiv taghhom; illi inoltre l-istess cilindri kienu qed jigu ssigillati permezz ta' sigilli foloz li ghandhom l-isem u/jew il-kulur ahdar distintiv tal-kumpanija attrici". Dan iktar u iktar fid-dawl tal-istqarrija ricenti li saret pubblikament mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi illi minn investigazzjonijiet li ghamlet l-istess Awtorita ma rrizultat ebda evidenza ta' mili illegali ta' cilindri tal-gass;

5. Illi s-socjeta esponenti ma kisret ebda obbligu naxxenti mill-artikolu 5A tal-Avviz Legali 465/2011 li emenda r-Regolament dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008) (hawn il-quddiem ir-"Regolamenti");

6. Illi s-socjeta rikorrenti, wara li tispecifika u tidentifika liem cilindri qieghda taghmel referenza ghalihom fl-allegazzjonijiet taghha, ghandha taghti prova illi hi s-sid ta' dawn ic-cilindri, u dan skond id-definizzjoni ta' "Sid" ta' cilindru kif moghtija fir-Regolamenti, specifikament "persuna fizika jew guridika stabbilita fi hdan l-Unjoni Ewropea, li tkun legittimament detentur ta' certifikati ta' valutazzjoni ta' konformita ta' cilindru tal-GPL u li jkun originarjament qieghed tali cilindru fis-suq", stante illi jekk is-socjeta rikorrenti mhix is-sid ta' dawn ic-cilindri in kwistjoni, zgur li ma jistax jinghad illi l-esponenti b'xi mod kisret xi obbligu naxxenti mill-artikolu 5A tar-Regolamenti;

7. Illi in oltre s-socjeta esponenti tichad ghal kollox illi hi agixxiet b'mod li jammonta ghal konkorrenza zleali skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti ghandha l-ewwelnett tidentifika u tispecifika liem ismijiet u/jew marki u/jew sinjali qieghda tirreferi ghalihom, u l-esponenti tirriserva illi tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrenti tiddentifika u tispecifika tali ismijiet, marki jew sinjali;

9. Illi f'dan ir-rigward ukoll, ma jistax ikun hemm konkorrenza zleali jekk il-konsumaturi b'mod generali ma jassocjawx dawn l-ismijiet, markji jew sinjali, li s'issa ghadhom ma gewx specifikati, mal-prodott tas-socjeta rikorrenti, stante illi ma jkunx jista' jinghad illi l-konsumaturi qieghdin b'xi mod jigu ingannati. Dwar dan jinghad illi kwalunkwe ftehim li seta' ntlahaq bejn is-socjeta rikorrenti u terzi ma jorbotx lis-socjeta esponenti, u ma jaffettwax il-mod kif il-konsumaturi jassocjaw isem, sinjal jew marka ma' prodott partikolari;

10. Illi, minghajr pregudizzju, dwar l-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti illi l-esponenti qieghda b'xi mod tikser id-drittijiet ta' proprjeta intelletwali taghha, l-ewwelnett jinghad illi tali allegati drittijiet ma jiccentraw xejn fl-azzjoni odjerna, stante illi t-talbiet tas-socjeta attrici jidher li huma bbazati fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 13 dwar il-limiti tal-konkorrenza u mhux fuq il-ligijiet li jipprotegu d-drittijiet intellettwali;

11. Illi wkoll f'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti ghandha tindika liem ismijiet, marki jew sinjali qieghda tallega li ghandha drittijiet ta' proprjeta intellettwali fuqhom, u ghandha tindika wkoll b'mod specifiku xi drittijiet ta' proprjeta intellettwali qieghda tirreferi ghalihom. F'dan ir-rigward l-esponenti terga ttenni illi kwalunkwe ftehim li seta' ntlahaq bejn is-socjeta rikorrenti u terzi ma jorbotx lis-socjeta esponenti;

12. Illi iktar minn hekk l-esponenti ssostni illi ma kisret u mhi qieghda tikser ebda drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti, u tirrizerva illi tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward wara li s-socjeta rikorrenti tiddentifika liem ismijiet, marki jew sinjali qieghda tirreferi ghalihom kif ukoll b'mod specifiku liema drittijiet intellettwali qieghda tirreklama li ghandha fuq tali ismijiet, marki jew sinjali;

13. Illi minghajr pregudizzju, is-socjeta rikorrenti ma soffriet ebda dannu u ebda hsara lir-reputazzjoni taghha bhala rizultat ta' xi agir tas-socjeta esponenti;

14. Illi minghajr pregudizzju, dwar l-intimati l-ohra f'din il-kawza, l-esponenti tissottometti illi dawn la huma mpjegati taghha u lanqas ma jirrapprezentawha, u f'kull kaz ir-rikorrenti ghandha turi ghal liema raguni s-socjeta esponenti ghandha tinzamm responsabbli ghall-azzjonijiet allegati mis-socjeta rikorrenti;

15. Salv eccezzjonijiet ohra:

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet attrici kollha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tal-15 ta’ Frar 2017 fejn gie dikjarat li l-provi migbura f’din il-kawza jghoddu ghal kawza nru. 38/2014MCH fl-ismijiet Liquigas Malta Limited vs William Mifsud et;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni attrici hi bazata fuq zewg premessi. L-ewwel premessa hi illi li l-konenuti kisru l-obbligu u projbizzjoni imposta fl-artikolu 5A(2) tal-Avviz Legali 465/2011 billi allegatament uzew cilindri tal-gass proprjeta ta’ Liquigas biex jimlewhom bil-gass provdut minn Easygas meta ma ghandhiex licenzja taghmel dan. L-artikolu 5A(2) jghid hekk:

> Cilindri li jistghu jingarru li jkunu migbura minghand klijent ahhari kif hemm fis-subregolament (1) ma jistghu jintuzaw jew jitqandlu assolutament b'ebda mod, hlief ghall-fini li jitreggghu lura lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorita biex jimporta u, jew ibiegh bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dawk ic-cilindri li jistghu jingarru. Qabel ma jitreggghu lura, dawk ic-cilindri li jistghu jingarru ghandhom jinhaznu gewwa facilita u taht dawk il-kundizzjonijiet kif approvati mill-Awtorita u kif hemm f'kull ligi, standards u Kodicijiet ta' Prattika li japplikaw.

It-tieni premessa hi illi dan l-agir flimkien mal-uzu ta' sigilli foloz li juru l-kulur distintiv tas-socjeta attrici qed jinganna lil pubbliku li qed jixtri gass provdut minn Liquigas fic-cilindri taghha bil-kulur distintiv ahdar jew isfar meta fil-fatt dawn ic-cilindri qed jimtlew illegalment b'apparat mhux idoneju li jista' jkun ta' periklu ghall-konsumatur u b'hekk issir hsara lir-reputazzjoni ta' Liquigas billi hi obbligata tissuplixxi cilindri tal-gass garantiti ghas-sigurta fl-uzu ghax mimlija skond il-ligi minn min ghandu tali licenzja. Din il-premessa hi marbuta mal-artikoli 32 u 33 tal-Kap. 13. Fil-kaz tal-ewwel premessa s-socjeta attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' responsabilta ghad-danni minhabba dolus, u fit-tieni premessa qed titlob penali ai termini tal-Kap. 13 u ordni ta' waqfien minn dan l-agir.

Is-socjeta attrici qed torbot dan kollu ma prova partikolari li sehhet f'Novembru 2013 ghalkemm tressaq provi cirkostanzjali intizi biex jipprovaw fis-sod tali allegazzjoni.

**Fatti**

Tajjeb li qabel mal-Qorti tikkunsidra l-mertu tal-azzjoni tqis il-provi li ngiebu fil-qosor.

Paul Agius Delicata li kien chief operations officer ta' Liquigas sal-1 ta' Mejju 2013 li tpoggi c-cilindri tal-gass fis-suq, u issa bhala CEO ta' Gasco cioe l-kumpanija li tmexxi l-impjant u l-mili tal-gass fic-cilindri, qal illi minn Marzu 2011 kellhom informazzjoni li cilindri tal-Liquigas li jingharfu mis-serial number, kulur u marka stampata fuqu kienu qed jigu esportati l-Italja min Easygas wara li kienu jzommuhom fl-impjant taghhom bla ma jirriciklawhom fis-suq. Wara rapport tal-pulizija Taljana gie skopert li c-cilindri circa 40,000 kienu qed jintbaghtu biex jigu mizbughin bil-kulur griz cioe l-kulur tac-cilindri ta' Easygas. Ic-cilindri ta' Liquigas gew in parti minn ftehim ta' trasferiment minn Enemalta u ohrajn inxtraw minn Liquigas stess. Dawn ic-cilindri

gew ritornati lil Liquigas mill-pulizija Taljana. Ghal habta ta' Dicembru 2011 innotaw li kienu qed jiccirkolaw f'Malta cilindri grizi tal-Easygas bis-sigill isfar jew ahdar ta' Liquigas, li ghandu juri li mtela mid-ditta li ghamlet is-sigill. Huma ssusspettaw li kien qed isir mili tac-cilindri minn Easygas bla dritt. Liquigas biss kienet f'dak iz-zmien awtorizzata timla c-cilindri u sa meta kien qed jixhed f'Mejju 2014 dik kienet il-pozizzjoni legali. Dan mhux biss kien qed isir b'konkorrenza sleali izda wkoll kien ta' periklu ghal mod kif jimtlew ic-cilindri li ghal ghajn kienu jidhru li qed jimtlew minn Liquigas meta dan mhux il-kaz. Saru lmenti mal-awtoritajiet li pero ma ttiehdux b'hafna serjeta u fil-fatt instab makeshift system ghand l-Easygas u ssigillawha. L-MRA ghamlet inspection darba u sabet distributur hiereg minghand Easygas bi trakk mimli u li ma kellhomx sigill. Kienu mimlijin izda l-qies tal-mili kien ivarja, haga li ma tistax tigri meta jimtlew fl-impjant tal-Liquigas li hu wiehed awtomatiku u iccertifikat ghall-efficjenza tieghu. L-Awtorita wkoll ma tatx wisq widen ghall-ilmenti tal-Liquigas u infurmathom illi mhux dejjem kienu jifthulhom jew jifthu wara hafna hin. Ghalhekk is-socjeta Liquigas rinfaccjata b'dan in-nuqqas ta' koperazzjoni effettiva qabdet tnejn minn nies u b'video camera normali marru hdejn l-istabbiliment ta' Easygas u hadu kampjun fuq tlett ijiem fejn irrizulta li kienu qed jimtlew illegalment cilindri tal-Liquigas sofor u hodor apparti b'mod ghal kollox mhux konformi man-normi accettabbli, bhal meta fi spazju limitat u minghajr apparat anki elettriku skond in-norma. Kien qed jintuza anki mobile phone waqt il-mili u cilindri jimtlew mill-art mhux fuq mizien. B'dawn il-provi marru ghand l-MRA, il-pulizija u l-ministru koncernat u awtoritajiet ohra. Li gara pero kull awtorita bdiet tinsisti li l-kwistjoni kienet tappartjeni lil xi awtorita ohra. Fil-video jidhru tnejn minn nies jiehdu c-cilindri vojta biex jimtlew u jitpoggew sigilli foloz hodor tal-Liquigas. Jidher ukoll impjegat tal-Easygas bl-uniformi. Dawn it-tnejn minn nies fil-video huma identifikabbli u huma Jason Mifsud impjegat ta' William Mifsud li ghandu licenzja ta' distributur. L-iehor hu Bernard Debono impjegat ta' huh Anthony Debono, distributor iehor. Fuq mistoqsija tal-Qorti x-xhud qal li Easygas ghandha zewg opzjonijiet biex timla c-cilindri taghha cioe li ggibhom direttament mimlija minn barra jew timlihom tramite l-Liquigas. Il-kulur li jidentifika l-provenjenza tac-cilindri hi prattika uzata fil-kummerc bejn kompetituri biex jidentifikaw il-prodott taghhom.

In kontroezami qal li d-distributri tal-gass jixtru minghand Liquigas f'relazzjoni ta' retailer/wholesaler. Fil-video li ttiehed fuq tlett ijiem bejn it-18 u 20 ta' Novembru 2013, setghu jigu innotati haddiema ta' Easygas fosthom bin il-managing director Reuben Farrugia. In kwantu ghat-taghrif dwar il-proprjeta tac-cilindri stqarr li ghajr ghal kulur ma setghax jidentifika c-cilindri li jidhru fil-video minn certifikazzjoni ghalihom u meta tpogew fis-suq l-ewwel darba. Pero l-kulur hu identifikattiv fih innifsu.

Rober Bonavia, plant manager ta' Gasco qal li jaghtu servizz lil Liquigas billi jistorjawlhom il-prodott u jimlewlhom ic-cilindri. Qal li wara qamu susspetti b'dak li kienet qed taghmel Easygas fl-impjant taghha cioe timla cilindri tal-Liquigas u ohrajn b'mod illegali, mar hu u certu Jesmar Mifsud vicin l-impjant ta' Easygas f'Hal Luqa fit-18 ta' Novembru 2013 u raw impjegat tal-Easygas liebes flokk tal-istess ditta jimla cilindri grizi tal-Easygas fil-bitha. L-ghada 19 ta' Novembru 2013 regghu marru u din id-darba kien qed jimla cilindri sofor u hodor tal-Liquigas, minn tank tal-gass. Ma' genbu kien hemm id-distribur Jason Mifsud u hin minnhom kien qed juza l-mobile waqt il-mili. Ic-cilindri mimlija kienu qed jitpoggew fuq trakk. Ra wkoll road tanker tal-Easygas jimtela minn impjegat tal-Easygas. Ra operator iehor igezwer ic-cilindri sofor u hodor bil-plastic u jaghmilhom fuq pellet. Fl-20 ta' Novembru 2013 regghu marru fuq il-post u ra lill-istess operator cioe Jason Mifsud jimla c-cilindri flimkien ma' distributor iehor Bernard Debono. Kienu qed jimlew ic-cilindri hodor u sofor tal-Liquigas u jaghmluhom fuq pellet. Hin minnhom Bernard Debono hareg sigilli mill-but u wahhalhom fuq ic-cilindri li kienu ghadhom kif imtlew. Dan kollu jidher fil-filmati li hadu. Siehbu Jesmar Mifsud ikkonferma x-xiehda ta' Robert Bonavia. Gew esebiti wkoll il-filmati (Dok. 12) li ttiehdu mix-xiehda.

Is-socjeta Liquigas esebiet id-digriet tal-Qorti fil-mandat ta' inibizzjoni datat 9 ta' Frar 2011 fejn is-socjeta Easygas obbligat ruhha li m hix ser timla cilindri tal-Liquigas bil-prodott ta' Easygas jew b'xi mod jikkummercjaw il-prodott f'dawn ic-cilindri (Dok. 1). Gew esebiti wkoll kopja ta' accettazzjoni ta' offerta da parti ta' Easygas li tibghat 40,000 cilindru ghal 'retesting' f'impjant fl-Italja cioe Valcollaudi SRL datata 20 ta' April 2011 u traskrizzjoni ta' xiehda ta' Claudio Trezza, rapprezentant legali tal-istess socjeta Taljana li ddikjara li Easygas baghtulhom kwantita ta' cilindri sofor bit-tikketta

Enemalta f'Awwissu 2011 li kellhom jinzebghu grizi wara li titnehha l-marka ta' Enemalta u ssir dik ta' Easygas (Dok. 3).

Giet esebita wkoll korrispondenza minn Liquigas lil diversi awtoritajiet Maltin dwar l-allegazzjonijet ta' uzu illecitu tac-cilindri ta' Liquigas kif ukoll dokumenti li juru l-kulur distintiv tac-cilindri ta' Liquigas.

l-inginier Anthony Rizzo, kap ezekuttiv tal-MRA qal li Gasco Limited u Easygas ghandhom licenzja ta' mili ta' cilindri. Dawn il-licenzji nghataw rispettivament fis-27 ta' Novembru 2008 u tiskadi fl-2038 u ohra ta' Easygas li harget fl-20 ta' Awwissu 2014 u tiskadi fl-2044. Semma diversi rapporti li receviet l-MRA min Liquigas dwar mili illegali ta' cilindri u li dawn ir-rapporti ghaddew ghand l-awtoritajiet rilevanti fosthom il-pulizija u esebixxa l-korrispondenza. Qal ukoll li ma jirrizultalux ilmenti fil-konfront ta' Liquigas qabel Novembru 2013.

Reuben Farrugia, managing director ta' Easygas cahad li ra jew qabbad lil xi had jimlew cilindri tal-gass allegatament proprjeta ta' Liquigas bil-gass ta' Easygas fl-impjant ta' Easygas. In oltre zied li ma hemmx prova li c-cilindri huma proprjeta ta' Liquigas kif irid l-Avviz Legali 465/2011 li jrid li l-proprjetarju hu dak li hu detentur ta' certifikat ta' valutazzjoni ta' konformita ta' cilindru tal-LPG u li jkun originarjament qieghed tali cilindru fis-suq.

William Mifsud, distributur tal-gass xehed li ma ghandux x'jaqsam mal-avvenimenti jew allegazzjonijiet li qed isiru peress li f'dak iz-zmien kellu x-xoghol f'idejn ibnu ghax hu kien l-isptar wara l-mewt tragika ta' bintu. Martu, Tessie Mifsud ikkoroborat ix-xiehda ta' zewgha u qalet li minn April 2013 zewgha dahal l-isptar marid serjament u hiereg u diehel l-isptar u ma setghax ikompli jahdem.

Il-konvenut Anthony Debono xehed li hu distributur u ma kellux x'jaqsam ma' mili ta' gass u jahdem kemm ma' Easygas u Liquigas. Hu zied li ma jidhrix fil-videos esebiti.

Bernard Debono xehed li kien jahdem ma' huh Anthony Debono u gharaf lilu nnifsu fil-video hdejn impjegat ta' Easygas li jismu Gerald Farrugia, wiehed mit-tfal ta'

Reuben Farrugia wiehed mis-sidien ta' Easygas. Hu kien jieqaf jitkellem mal-impjegati ta' Easygas u anki ta' Liquigas ghax iqishom bhala kollegi. Hu ma ppartecipax u ma kienx jaf li qed isir mili illegali fl-impjant ta' Easygas. Xoghlu biss li jdahhal it-trakk, jistennih jitghabba u jmur ghax-xoghol bit-trakk mghobbi.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta qabel kull konsiderazzjoni ohra illi skond ix-xiehda tal-inginier Rizzo tal-Malta Resources Authority illi sal-20 ta' Awwissu 2014 l-unika kumpanija awtorizzata li timla c-cilindri tal-gass f'Malta kienet Gasco Limited b'licenzja li bdiet topera mill-2008 u kienet tiskadi fl-2038. Easygas inghatat licenzja simili fl-20 ta' Awwissu 2014 b'durata ta' tletin sena. Kwindi hu stabbilit illi la Easygas u anqas il-konvenuti l-ohra distributuri tal-gass f'cilindri suppliti kemm minn Easygas u Liquigas ma kellhom il-jedd li jimlew cilindri tal-gass la taghhom u wisq anqas ta' terzi.

**Kap. 13**

In tema legali s-socjeta attrici qed tikkontendi illi l-konvenuti huma responsabbli ghal konkorrenza sleali fil-konfront taghha. L-artikolu 32, 32B, 33 u 36A tal-Kap. 13 jghidu hekk:

> 32. Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skont il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta.
>
> 32B. (1) Il-kummercjanti m'ghandhomx jaghmlu xi forma ta' reklamar qarrieqi.
> (2) Reklam huwa qarrieqi jekk inkluza l-prezentazzjoni tieghu, iqarraq jew probabbilment iqarraq bil-persuni li lejhom ikun indirizzat jew li ghandhom jasal, u jekk minhabba fin-natura qarrieqa tieghu, hu probabbilment jaffettwa l-imgieba ekonomika taghhom jew huwa wiehed li ghal dawk ir-ragunijiet jaghmel hsara jew probabbilment jaghmel hsara lil xi kompetitur tal-persuna li dan ir-reklam ghandu l-ghan li jippromwovi l-interessi taghha.
> (3) Sabiex jigi stabbilit jekk reklamar huwiex qarrieqi, ghandhom jitqiesu l-karatteristici tieghu kollha, u b'mod partikolari kull informazzjoni li jista' jkun fih dwar –
> (a) il-karatteristici ta' oggetti jew servizzi, inkluza ddisponibbilta taghhom, in-natura, l-ezekuzzjoni, il-kompozizzjoni, il-metodu u d-data tal-manifattura jew

provvista, kemm ikunu adatti ghall-iskop, l-uzu, il-kwantita, l-ispecifikazzjoni, l-origini geografika jew kummercjali jew ir-rizultati normalment mistennija mill-uzu taghhom, jew ir-rizultati u l-karatteristici materjali tat-testijiet jew kontrolli mwettqa fuq loggetti jew is-servizzi;
(b) il-prezz jew il-mod li bihom l-prezz jigi kkalkolat, u l-kondizzjonijiet li bihom l-oggetti jigu forniti jew isservizzi jkunu moghtija;
(c) in-natura, l-attributi u d-drittijiet ta' min jaghmel irreklam, bhall-identita u l-attiv tieghu, il-kwalifiki u l-pussess ta' drittijiet ta' proprjeta industrijali, kummercjali jew intellettwali jew kwalunkwe premjijiet u distinzjonijiet miksuba minnu.

33. Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' indikazzjoni falza tal-origini tal-merkanzija:
Izda indikazzjoni li, fl-uzu tal-kummerc, hija ikkonsidrata bhala indikazzjoni komuni, ma titqiesx li hija indikazzjoni falza.

36. Il-kummercjant ma jistax, fl-ezercizzju tal-kummerc jew industrija tieghu, jaghti certifikati ta' onestà jew ta' hila kuntrarji ghall-fatti kif maghrufin minnu u li jistghu jqarrqu l-bona fidi ta' haddiehor.

Trattata l-parametri legali tal-azzjoni l-Qorti tqis illi jirrizulta ghal fini ta' konkorrenza sleali kemm Liquigas u Easygas huma kummercjanti fl-istess sfera ta' attivita cioe tal-bejgh tal-gass LPG permezz ta' cilindri li ghandhom kulur distintiv minn ta' xulxin, dawk ta' Liquigas isfar jew ahdar u dawk ta' Easygas bil-kulur griz. Joperaw fl-istess spazju territorjali u fl-istess zmien. Id-distributuri wkoll jahdmu bhala bejjiegha bl-imnut tac-cilindri bil-gass provduti miz-zewg ditti. Dawn ic-cilindri, almenu sal-2014 setghu jimtlew f'Malta minghand is-socjeta Gasco, l-unika kumpanija licenzjata u attrezzata ghal dan l-iskop. Jinghad ukoll illi l-kulur mhux wahdu l-indentifikazzjoni tal-proprjeta tac-cilindru izda hu biss indikattiv ghax il-proprjetarju hu dak li ghandu c-certifikazzjoni bin-numru tac-cilindru u l-isem stampat fuqu (ara sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited**, deciza fil-5 ta' Ottubru 2015 liema sentenza tinsab appellata).

Is-socjeta attrici tikkontendi li f'cilindri tal-gass taghha sar mili illegali ta' gass mill-istabiliment ta' Easygas minn impjegat tal-Easygas u anki mill-konvenut stess lil konvenut u terzi u dan fih innifsu ipperikola l-prodott garantit bl-isem fuq ic-cilindru cioe Liquigas. In oltre qed jigi allegat illi cilindri tal-gass ta' Liquigas gew sigillati minn Easygas jew il-konvenut b'sigilli foloz, kulur ahdar, biex jidentifikah bhala originali ta' Liquigas. In oltre gie allegat li kienu qed jinzebghu cilindri sofor ta' Liquigas bil-kulur griz u l-markju ta' Liquigas jitnehha u jsir wiehed ta' Easygas.

Il-Qorti ssib illi fis-sentenza fuq citata tal-5 ta' Ottubru 2015 il-Qorti gia ddecidiet illi Liquigas bhala successur fit-titolu tal-Enemalta li wahedha kienet timla u tissuplixxi fis-suq ic-cilindri tal-gass hi proprjetarja tac-cilindri kollha sofor li ghaddietilha Enemalta (circa nofs miljun) fit-trasferminet li sar fl-2008 bejn Enemalta u Liquigas. Dan (kif ukoll dawk bil-kulur kannella) kienu l-kulur li tuza l-Enemalta fuq ic-cilindri taghha bl-isem tal-Enemalta stampat fuq ic-cilindru. Meta dahlet fil-qasam tal-bejgh tal-gass LPG is-socjeta Easygas hi uzat kulur distinitv iehor cioe griz biex fl-apparenza tiddistingwi l-prodott taghha minn ta' haddiehor u dan ghal skop ta' nuqqas ta' konfuzjoni. Dan oltre l-issigillar fuq ic-cilindru u c-certifikazzjoni ghalih. Kwindi kumpanija li taghmel uzu minn cilindru tal-istess ghamla bil-kulur distintiv ta' kumpanija ohra ikun qieghed mad-daqqa ta' ghajn jilledi d-ditta tal-iehor ghax igib konfuzjoni f'mohh il-konsumatur kemm dwar l-awtenticita tieghu u l-genwinita tieghu u l-garanziji u obbligi li jpoggi fuq is-socjeta proprjetarja tac-cilindru ghas-sigurta tal-prodott.

Il-Qorti tirreferi ghal zewg dokumenti partikolari, li ghalkemm ma saret ebda prova ulterjuri dwarhom izda ma gewx kontradetti mis-socjeta Easygas. Dawn huma ittra ta' accettazzjoni ta' offerta da parti ta' Easygas li tibghat 40,000 cilindri tal-gass ghal retesting fl-impjant ta' Valcollaudi datata 20 ta' April 2011, li wahedha ma fiha xejn anomalu. Pero t-traskrizzjoni ta' xiehda tar-rapprezentant legali tal-istess socjeta estera moghtija f'investigazzjoni tal-pulizija taghti stampa differenti. Dan jixhed li Easygas baghtet lil Valcollaudi kwantita ta' cilindri sofor bit-tabella Enemalta f'Awwissu 2011 li kellhom jinzebghu grizi wara li titnehha l-marka ta' Enemalta u ssir dik ta' Easygas. Dawn id-dokumenti huma markati 2 u 3 esebiti f'nota a fol. 60 tal-process. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova turi illi l-kulur kien u hu fattur important fl-identifikazzjoni tal-prodott u lil min jappartjeni f'ghajn il-konsumatur. Il-Qorti tqis li hemm provi li juru li s-socjeta Easygas fl-2011 zebghet jew ipprovat tizbogh kwantita ta' cilindri tal-gass appartenenti lis-socjeta Liquigas bil-kulur distintiv ta' Easygas biex tpoggihom fuq is-suq bhala taghha mentri fil-fatt kienu prodotti ta' Liquigas. Dan isarraf f'reklamar ta' prodott li effettivament ma hux taghha izda ta' Liquigas b'detriment finanzjarju ghal Liquigas fit-telf mgarrab minn nuqqas ta' appartenenza apparent tal-istess cilindri darba li jinzebghu griz u titnehha l-marka ta'

identifikazzjoni originali, kif ukoll telf ta' qliegh minn nuqqas ta' uzu ta' tali ciclindri bhala taghha. Il-konsumatur ukoll qed jigi ingannat li minghalih qed jutilizza prodott genwin ta' ditta partikolari meta fil-fatt qed jakkwista u jutilizza prodott attirat materjalment biex jidher li hu ta' haddiehor cioe ta' Easygas.

Il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid **Kerly**, 'Law of Trade Marks and Trade Names' (Fifteenth Edition Sweet and Maxwell pagna 459), liema principji huma applikabli kemm ghal markju registrat u kemm ghal markju li mhuiex meta jghid hekk:

> The risk that the public might believe that the goods or services in question come from the same undertaking or, as the case may be, economically linked undertakings, constitutes the likelihood of confusion required by ... (art. 5(1)(b) of the Directive). In short, the sort of confusin required to satisfy this provision is confusion as to origin.

Bl-istess mod jidher mill-videos esebiti senjatament dak bid-data tal-20 ta' Novembru 2013 illi s-socjeta Easygas kienet qed timla gass fic-cilindri ta' Liquigas bil-kulur isfar bl-indikazzjoni cara tal-logo ta' Enemalta. Din ukoll hu forma ta' ingann u konfuzjoni ghal konsumatur li minghalih qed jakkwista cilindri tal-gass ta' Liquigas mimli bil-gass minn min hu licenzjat u attrezzat ghal dan l-iskop meta fil-fatt qed jixtri prodott mhux genwin u f'kaz ta' hsara jew malfunzjoni hi s-socjeta Liquigas li lilha jappartjenu c-cilindri li ser tbati r-reklamar hazin u l-potenzjalita ta' danni f'kaz li hsara kagonata minn mili mhux maghmul skond il-ligi bil-prekawzjonijiet u apparat appoziti mill-enti licenzjati ghal dan l-iskop cioe Gasco Limited.

Ma' dan tizdied l-allegazzjoni ta' Liquigas mhix kontradetta minn Easygas ta aktar konfuzjoni f'mohh il-konsumatur meta l-istess socjeta Liquigas esebiet ritratti ta' cilindru isfar ta' Liquigas bil-marka ta' Easygas fuqu, u cilindru ta' Liquigas b'sigill ta' Easygas jew kontrafatt. Il-Qorti issib li konsumatur normali ser jigi ingannat b'dawn il-manuvri u raggiri ppruvati kif izid Kerly f'pagni 463-464:

> In brief summary, for the purpose of the global assessment and appreciation, the average consumer of the caterogry of the products concerned is deemed to be reasonably well informed and reasonably observant and circumspect. However account is to be taken of the fact that the average consumer only rarely has the change to make a direct comparison between the different marks but must place his trust in the imperfect picture of them he has in his mind. It is also to be born in mind that the average consumer's level of attention is likely to vary according to the caterogry of goods or services in question.

> The correct test is whether there is a risk that the public might believe that the goods or services in question come from the same or economically linked undertakings.

Ghalkemm irid jinghad illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited (Rik. 207/2011) deciza fil-5 ta' Ottubru 2015 gie deciz illi Easygas ma tirritornax ic-cilindri proprjeta ta' Liquigas u tat rimedji ohra, pero fl-ewwel lok din is-sentenza giet appellata, ma saret ebda talba ghal esekuzzjoni provvizorju tas-sentenza u l-agir ilmentat jipprecedi s-sentenza.

Il-Qorti ssib ghalhekk illi Easygas hi responsabbli ghall-konkorrenza sleali fil-konfront ta' Liquigas a bazi tal-artikoli 32 u 32B tal-Kap. 13. In kwantu ghal konvenuti Debono, Anthony Debono jixhed li ma jidhirx fil-video u li ma kellux x'jaqsam fil-mili tac-cilindri mhix kontradetta. Qal biss li jiddistribwixxi cilindri kemm ta' Easygas u kemm ta' Liquigas. In kwantu ghal impjegat Bernard Debono jghid li hu jidher fil-video ikellem lil impjegati ta' Easygas waqt li qed jistenna li jghabbi t-trakk bic-cilindri. Zied li ma ghandux x'jaqsam mal-mili tac-cilindri u ma kellu ebda hjiel ta' mili illegali tac-cilindri. Ix-xiehda ta' Robert Bonavia li jixhed li Bernard Debono jidher jimla c-cilindri sofor bil-gass fl-impjant ta' Easygas hi wkoll wahda li l-Qorti ma tistax tidentifika bhala prova cara billi ma setghetx fil-video tallacja lil persuni li jidhru fih mal-persuna tal-konvenut Bernard Debono. Del resto s-socjeta attrici naqset li tipprova dan il-fatt facilment accertabbli bil-konfront tax-xhud mal-persuni li jidhru fil-video u dak li kienu qed jaghmlu.

**Avviz Legali 465/2011**

In kwantu ghal premessa illi l-konvenuti qed jivvjolaw il-ligi fl-effetti tal-Avviz Legali 465/2011 li emenda l-Avviz Legali 249/2008 il-Qorti tqis li mill-provi gia riportati in konnessjoni mal-premessa ta' konkorrenza sleali jidher car illi s-socjeta Easygas kienet qed timla cilindri tal-Liquigas meta hi mhix licenzjata ghal dan l-iskop u ghalhekk kontra dak li jipprovdi l-artikolu 5A(2) tal-Avviz Legali 465/2011 li jghid hekk:

> Cilindri li jistghu jingarru li jkunu migbura minghand klijent ahhari kif hemm fis-subregolament (1) ma jistghu jintuzaw jew jitqandlu assolutament b'ebda

> mod, hlief ghall-fini li jitreggghu lura lill-proveditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorita biex jimporta u, jew ibiegh bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dawk ic-cilindri li jistghu jingarru. Qabel ma jitreggghu lura, dawk ic-cilindri li jistghu jingarru ghandhom jinhaznu gewwa facilita u taht dawk il-kundizzjonijiet kif approvati mill-Awtorita u kif hemm f'kull ligi, standards u Kodicijiet ta' Prattika li japplikaw.

L-iskop wara dan is-subartikolu hu sabiex jissalvagwardja li ebda uzu hazin ma jsir tac-cilindri taz-zewg ditti Easygas u Liquigas u sabiex il-bejjiegha bl-ingrossa tac-cilindri bil-gass izommu kontroll effettiv fuq il-kwantita u proprjeta tac-cilindri u l-mili taghhom. Id-distributuri ghandhom id-dritt ibieghu cilindri taz-zewg ditti izda mhux li dawn ighaddu c-cilindri vojta lid-ditta li lilhom ma tappartjeniex. Bl-istess mod kemm il-bejjiegh bl-ingrossa u d-distributur ghandu jkun konsapevoli li l-konsenja ta' cilindri ta' terzi lil Easygas jew Liquigas hu projbit skond l-istess Avviz Legali. Dan l-Avviz Legali japplika wkoll ghad-distributur.

F'dan il-kaz kemm il-prova illi Easygas kienet qed timla u ghandha fil-pussess taghha cilindri tal-gass ta' Liquigas u dan jidher mill-videos esebiti. Il-Qorti tqis li hu ampjament pruvat il-vjolazzjoni tal-ligi. In kwantu ghal konvenuti l-ohra kif inghad b'referenza ghal konkorrenza sleali ma saret ebda prova li tlaqqa' l-persuna allegatament fil-hazin mal-att innifsu.

**Penali ghal konkorrenza sleali**

Is-socjeta attrici qed titlob li tinghata penali ghal ksur tal-artikolu 32 u 32B tal-Kap. 13. L-artikolu 37(3) taghti lil Qorti d-diskrezzjoni entro parametric dwar l-ammont tal-penali. Il-Qorti tqis li l-gravita tal-fatt, il-periklu u n-nuqqas ta' buona fede jwasslu lil Qorti takkorda l-massimu tal-penali ta' €4,658.75 kontra s-socjeta Easygas. Din il-penali qed tigi akkordata a soldu ta' danni u imghax inkorsi kif irid l-istess artikolu.

F'dan il-kuntest il-Qorti tqis l-eccezzjonojiet tas-socjeta Easygas dwar inkompatibilita tal-ewwel talba ma' dawk dwar il-konkorrenza sleali bhala bla fundament billi fl-ewwel lok iz-zewg talbiet huma bazati fuq principji legali differenti b'effetti ben distinti. Fit-tieni lok l-ewwel talba tas-socjeta attrici titlob biss dikjarazzjoni ta' responsabilta u xejn aktar b'differenza ta' dak li ntalab fir-rigward tat-talbiet fuq il-konkorrenza sleali.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel hames talbiet attrici u b'referenza ghar-raba' talba tordna lis-socjeta Easygas thallas lis-socjeta Liquigas is-somma ta' €4,658.75 in linea ta' penali, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba billi gia inkluza fit-talbiet l-ohra, filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Spejjez ghas-socjeta Easygas hlief ghal dawk tal-konvenuti Debono li ghadha thallashom is-socjeta Easygas.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur